MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 429/2007

**Michelle Eminyan (ID 499674 M)**

**vs**

**Andy Eminyan (ID 31371 G)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas mill-konvenut ta' mitejn, tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin entezmu (€228.58) ekwivalenti ghal Lm98.13, rapprezentanti l-kontijiet ta' transport ghal Roberto Eminyan li jammontaw ghas-somma ta' Lm82.50 ta' dak iz-zmien kif ukoll ta' zewg pari zraben li jammontaw ghal Lm13.62, liema kontijiet kellhom jithallsu mill-konvenut u dan skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat u pubblikat fil-5 ta' Mejju, 2006 li jistipula l-obbligi kuntrattwali ghal dak li jirrigwarda manteniment lejn it-tfal tal-partijiet.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet ta’ l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li ghandhom jigu respinti kontra l-istess attrici bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-ammont rapprezentanti f’kontijiet ta’ transport ghal Roberto Eminyan kif ukoll kont ta’ zewg pari zraben, m`huwiex dovut jithallas mill-konvenut ghar-ragunijiet premessi.

Illi huwa minnu illi huma obbligi tal-konvenut fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat u pubblikat fil-5 ta’ Mejju, 2006 li l-missier ghandu jhallas l-ispejjez ghat-trasport tat-tfal u li ghandu jhallas ukoll l-ispejjez ghal ‘extra curricular activities’ izda fl-ewwel lok is-servizz tat-trasport ma giex imqabbad mill-konvenut u wisq anqas ma kien ikkonsultat dwaru; u fit-tieni lok l-obbligu li l-missier ghandu jhallas ghall-ispejjez ghal ‘extra curricular activities’ ma jistax jigi interpretat li jinkludi kull forma ta’ *equipment* relatat ma` l-istess attivitajiet.

Ra illi giet prezentata kontrotalba fejn il-konvenut talab lill-attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut rikonvenzjonanti l-ammont kumplessiv ta’ elfejn, sitt mija, tmienja u sebghin euro u tmienja u sebghin centezmi (€2678.78) ekwivalenti ghal Lm1,150 ta’ dak iz-zmien rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm915.11 ta’ dak iz-zmien il-valur ta’ diversi oggetti proprjeta’ tal-konvenut illi huma elenkati fl-anness inventarju li l-konvenuta hadet minn gewwa l-fond Casa Roma, Triq Qrejten, Hamrun jew mill-fond 271, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar proprjeta’ ta` l-attur minghajr il-kunsens tieghu in kwantu ghas-somma ta’ Lm204.89 ta’ dak iz-zmien konsum ta’ dawl u ilma mill-konvenuta ghal perjodu fejn il-fond bl-indirizz 271, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar kien qieghed jigi uzat esklussivament mill-konvenuta ghal perjodu miftiehem taht il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-kontendenti; u in kwantu ghas-somma ta’ Lm30 ta’ dak iz-zmien rapprezentanti l-hsara li kkagunat

il-konvenuta fl-istess fond gewwa San Pawl il-Bahar fil-pajpijiet u l-'*mixer'* tas-sink tal-kamra tal-banju.

Ra illi ma gietx pprezentata risposta ghal kontrotalba.

It-Tribunal ra x-xhieda ta' Michelle Eminyan, Andy Eminyan u George Deguara.

Ra d-dokument kollha ezebiti mill-konvenuta.

Sema` t-trattazzjoni tal-konvenut u ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ta' somma flus allegatament dovuti lill-attrici mill-attur liema talba qieghda tigi kkontestata mill-konvenut. Illi l-konvenut ipprezenta kontrotalba fil-konfront ta` l-attrici fejn huwa qieghed jitlob li jigi rizarcit il-valur ta' diversi oggetti li gew nieqsa, hsarat u kontijiet ta' dawl u ilma mill-fond f'San Pawl il-Bahar jew minn fond il-Hamrun, fejn l-attrici u ulied il-partijiet kienu qieghdin jirrisjedu. Illi fil-perjodu miftiehem skond il-kuntratt ta' separazzjoni l-attrici u l-minuri Roberto u Alessia kienu qieghdin jirrisjedu San Pawl il-Bahar.

Illi l-attrici rikonvenzjonata ghazlet li ma tipprezentax risposta ghal kontrotalba izda mix-xhieda jirrizulta illi cahdet dak kollu li gie allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti fil-kontrotalba.

Illi permezz ta' nota prezentata mill-konvenut fil-5 ta' Marzu, 2008 il-kontrotalba giet ridotta fl-ammont ta' elf, disa' mija, tlieta u tletin ewro u sebgha u tletin centezmi (€1933.37) gja Lm830 wara li tnaqqas l-ammont tal-*playstation* li kien gie ritornat lill-konvenut.

Illi t-talba ewlenija hija ghal hlas tat-trasport ta` l-iskola ta' iben il-partijiet Roberto, kif ukoll ghal zewg pari zraben li jintuzaw f'attivitajiet '*extracurricular'* li tattendi ghalihom bint l-partijiet.

Jirrizulta mill-provi illi l-attrici u z-zewg wild minuri Alessia u Roberto llum joqghodu H'Attard. Illi fil-waqt illi Alessia tmur St Joseph School, Blata l Bajda, it-tifel imur l-iskola ta' St Michael's, Pembroke. Jirrizulta illi meta l-attrici u ulied il-partijiet kienu joqghodu San Pawl il-Bahar, l-attrici kienet tehodhom l-iskola izda wara li traslokaw ghal H'Attard huwa missier l-attrici li jiehu lil Alessia kull filghodu l-iskola fil-waqt illi Roberto imur l-iskola f'Pembroke, permezz ta' trasport privat provdut mis-socjeta' Silverstar Transport. Illi fil-waqt illi l-attrici tghid illi ppruvat kemm-il darba tinforma lill-konvenut dwar it-trasport, il-konvenut jinnega illi l-attrici qatt ippruvat tikkomunika mieghu. Huwa ppretenda li jigi konsultata peress illi huwa kien dispost jiehu lil ibnu l-iskola u jiehdu lura d-dar ta' ommu huwa stess. It-Tribunal izda jinnota f'dan ir-rigward, illi l-konvenut qatt ma gie pprezentat b'xi kont ghat-trasport ta' bintu ghalkemm huwa responsabbli ghat-trasport. Lit-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut ma hassx il-htiega illi jikkontesta il-mezz ta' transport ta' bintu.

Illi ghar-rigward taz-zewg pari zraben, il-konvenut jghid illi ghalkemm skond il-kuntratt ta' separazzjoni huwa ghandu ihallas ghall-attivitajiet 'extra curricular' huwa m'ghandux ikun responsabbli ghal hlas ta' *equipment* ghal dawn l-attivitajiet barra mill-iskola.

It-Tribunal jirrilleva illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat 5 ta' Mejju, 2006, partikolarment *klawsola 8* tghid: *'With regard to the maintenance of the parties' said minor children agree as follows: v (a) The parties agree that apart from and in addition to the payment of maintenance set out above, the husband shall for the duration of the period during which he is obliged, in terms of this deed to pay maintenance for the needs of a minor child pay the following expenses:- (a) The child's following education related expenses, being school uniforms, books, stationery, agreed extracurricular activities, examination fees, registration fees, transport and stationery'.*

Illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba ghaliex qal illi huwa m'ghandux ihallas kemm ghat-trasport mhux

miftiehem, kif ukoll ghall-*equipment* ta' attivitajiet barra mill-iskola, liema attivitajiet kienu bi ftehim bejn il-partijiet.

It-Tribunal jirrilleva illi fil-waqt illi l-attrici tghid illi hija kienet ippruvat tinforma lill-konvenut dwar it-trasport, l-konvenut jichad tali allegazzjoni, kif ukoll ihoss illi huwa m'huwiex responsabbli ghaz-zraben ta` l-attivitajiet barra mill-iskola ta' bintu.

Dwar it-trasport it-Tribunal huwa tal-fehma illi skond klawzola 8 (v) (a) il-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenut ghandu jhallas ghat-trasport. Izda t-Tribunal jifhem illi jekk kemm-il darba l-konvenut huwa dispost illi jiehu r-responsabilita' tat-trasport kull filghodu u kull wara nofs inhar f'idejh, u ghalhekk dan ghandu jigi kkomunikat lill-attrici u miftiehma bejniethom. It-Tribunal jirrilleva illi l-konvenut ghandu zewg wild u t-tnejn ghandhom bzonn transport. Konsegwentement, fi-rigward tat-talba ghal hlas tat-trasport t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut huwa resposnabbli ghal hlas tat-trasport mitluba. Illi dwar iz-zewg pari zraben li bint il-partijiet ghandha bzonn ghal *ballet* u ghal klassi ta' danza, it-Tribunal jirrilleva illi kien hemm ftehim reciproku ghal dawn l-attivitajiet barra mill-iskola. Illi z-zraben kemm tal-*ballet* kif ukoll ghad-danza huma parti integru mill-uniformi mehtiega mill-istudenti u li ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-konvenut ghandu jhallas ghalihom.

Fir-rigward tal-kontrotalba, t-Tribunal jirrilleva illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet iffirmat fil-5 ta' Meju, 2006 l-attrici u t-tfal taghhom baqghu jirrisjedu fil-fond f'San Pawl il-Bahar appartenenti lill-konvenut u li kellha tibqa' fil-fond ghall-erba' xhur mid-data tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Illi jirrizulta mill-kuntratt illi f'dak il-perjodu l-konvenut kellu access liberu ghal dak l-appartament.

Ili fir-rigward ta' oggetti, skond il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attrici setghet tiehu maghha fost oggetti ohra l-fajjienza mill-kcina inkluz il-platti u borom. Ghalhekk, it-Tribunal ha jillimita ruhu sabiex jiddeciedi dwar l-oggetti elenkati fil-kontrotalba biss wara li jigu mnaqqsa l-oggetti li setghet

tiehu maghha. L-oggetti li ghandhom ghalhekk ikunu mertu tal-kontrotalba huma l-vetrina, statwa artistika ta’ l-irham, vetrina zghira bl-interzjar tal-fidda, statwetti tal-fidda, tapiti u rack ta’ l-inxir, u *sandwich toaster* fis-somma komplessiva ta’ Lm450 ta’ dak iz-zmien; illi t-Lm30 konsistenti f’hsarat fil-pajpijiet u l-’mixer’ tas-sink kif ukoll Lm204.89 ghal kont tad-dawl. B’kollox l-ammont tal-kontrotalba gie ridott *arbitrio boni viri* ghal €1595.36 gja` Lm684.89.

Illi t-talba ghal-kont tad-dawl u ilma huwa mitlub ghal perjodu indikat taht il-kuntratt ta’ separazzjoni u cioe’ erba’ xhur mill-5 ta’ Mejju, 2006. Illi minn dokumenti prezentati gew ezebiti tlett kontijiet mill-konvenut rikonvenzjonanti izda zewg kontijiet jaqblu ma` l-perjodu indikat fil-kuntratt u dawn huma zewg kontijiet mill-4 ta’ Jannar, 2006 sal-4 ta’ Jannar, 2007 li b’kollox jwasslu ghal tnax il-xahar fl-ammont ta` Lm321.20. Ghalhekk ghall-erba’ xhur il-kont medju tad-dawl u ilma jammonta ghal €249.41 gja` Lm107.07. Illi ghalhekk l-attrici ghandha thallas fis-somma ridotta ta’ €249.41 gja` Lm107.07 ghall-erba xhur dawl u ilma fil-fond f’San Pawl il-Bahar.

Illi rigward it-Lm30 tal-‘mixer’ it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut rikonvenzjonanti ma ppruvax illi dan il-‘mixer’ gie miksur mill-attrici rikonvenzjonata.

Illi fir-rigward ta’ l-oggetti li l-konvenut sab nieqez mill-fond ta’ San Pawl il-Bahar, it-Tribunal jirrilleva illi fit-talba l-konvenut rikonvenzjonanti ma kienx cert mill-liema fond l-oggetti ittiehdu. Fil-kontrotalba hemm imsemmija zewg fondi wiehed il-Hamrun u l-iehor San Pawl il-Bahar, izda l-konvenut xehed illi l-oggetti gew nieqsa mill-fond ta’ San Pawl il-Bahar.

Illi jirrizulta mill-provi li ma gewx prezentati ebda ricevuti tal-hlas u/jew stimi ta’ kemm fil-fatt jiswew l-oggetti li l-konvenut allega li sab nieqsa. Illi wara li t-Tribunal sema` x-xhieda tal-konvenut m’huwiex konvint minn dak li ntqal u li gie mnizzel mill-konvenut fl-elenku ta’ l-oggetti nieqsin mill-fond ta’ San Pawl il-Bahar. Huwa minnu illi l-attrici hadet maghha xi affarijiet mill-fond ta’ San Pawl il-

Bahar izda  xehdet illi l-oggetti kollha li ttiehdu gew ritornati.

It-Tribunal  jhoss illi  dwar il-kontrotalba kemm il-konvenut kif ukoll l-attrici ma kienux  konvincenti fix-xhieda taghhom..

Illi l-uniku xhud prodott mill-konvenut  kien cert illi mill-fond ta’ San Pawl il-Bahar kien hemm  fost diversi oggetti ohra nieqsa,  sett tat-*television* u *play station.* Illi dan ta’ l-ahhar kien gie ritornat mill-attrici peress illi kienu t-tfal li kienu qed juzaw il-‘play station’ u ghar-rigward tat-*television* ghalkemm imsemmi minn Deguara fic-cert,  m’huwiex parti mill-mertu ta’ din il-kontrotalba.

It-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut rikonvenzjonat ipprova li fil-fatt dawn l-oggetti ttiehdu.

Illi ghalkemm l-attrici rikonvenzjonata tinsab kontumaci ghaliex qatt ma pprezentat ir-risposta, t-Tribunal sema` x-xhieda dwar il-fatti u t-Tribunal ikkonkluda illi l-kontrotalba ma timmeritax akkoljiment fil-mertu  fl-intier taghha.

Dwar dan il-kaz, it-Tribunal jixtieq izid illi ghalkemm koppja hija legalment separata ghandha dejjem tikkomunika u tikkonsulta mall-parti l-ohra b’mod civili partikolarment meta ikunu qieghdin jittiehdu decizjonijiet fejn jirrigwardaw uliedhom. Ili fil-waqt illi  l-kazijiet quddiem dan it-Tribunal huma talbiet ta’ flejjes,  it-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi dawn it-tipi tal-kazijiet huma fil-qofol taghhom talbiet ghal rizarciment ta’ flus li nhargu ghat-tgawdija  ta’ ulied iz-zewg partijiet. It-Tribunal ihoss illi  dawn it-tipi ta’ kazijiet jistghu jigu evitati bejn il-partijiet jekk il-partijiet iwarrbu l-piki meskini ta’ bejniethom u jikkoncentraw l-energiji taghhom fuq suggetti li huma ferm aktar  rilevanti u importanti bhal per ezempju it-trobbija hienja u  sana ta’ uliedom.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ it-talba attrici  u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici  fis-somma ta’  mitejn, tmienja u ghoxrin ewro u

sitta u hamsin centezmi (€228.56) gja` Lm98.12. Fil-waqt illi fir-rigward tal-kontrotalba it-Tribunal jilqa’ in parte il-kontrotalba u jikkundanna l-attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut rikonvenzjonanti fis-somma ridotta ta’ mitejn, disa’ u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmi (€249.41) gja` Lm107.07.

Spejjez a karigu bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------